**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2022/0425(COD)**

4.7.2023

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818
(COM(2022)0731 – C9-0427/2022 – 2022/0425(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Assita Kanko

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5

NOTA SPJEGATTIVA .....19

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818**
**(COM(2022)0731 – C9-0427/2022 – 2022/0425(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0731),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 82(1)(d) u 87(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0427/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti kemm jista' jkun dwar il-ġbir u | (11) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti kemm jista' jkun dwar il-ġbir u |

| | |
|---|---|
| t-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], fejn xieraq. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, ir-regoli dwar il-kwalità tad-data, l-użu mit-trasportaturi tal-ajru ta' mezzi awtomatizzati għal tali ġbir, il-mod preċiż li bih għandhom jittrasferixxu d-data tal-API miġbura lir-router u t-tħassir tad-data tal-API. | t-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API], fejn xieraq. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, ir-regoli dwar il-kwalità tad-data, l-użu ***obbligatorju*** mit-trasportaturi tal-ajru ta' mezzi awtomatizzati għal tali ġbir***, ħlief meta d-dokumenti tal-ivvjaġġar ma jkunx fihom data li tinqara mill-magni, jew meta jkun teknikament impossibbli li tinġabar id-data tal-API bl-użu ta' mezzi awtomatizzati***, il-mod preċiż li bih għandhom jittrasferixxu d-data tal-API miġbura lir-router u t-tħassir tad-data tal-API. |
| | Or. en |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-obbligu li jintużaw mezzi awtomatizzati għall-ġbir tad-data tal-API ma jwassalx għal ostakli sproporzjonati, bħal tariffi addizzjonali għar-reġistrazzjoni fl-ajruport għall-passiġġieri li ma jkunux jistgħu jużaw mezzi oħra għar-reġistrazzjoni awtomatizzata.*** |
| | Or. en |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Fir-rigward tat-titjiriet intra-UE, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn | (14) Fir-rigward tat-titjiriet intra-UE, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn |

| | |
|---|---|
| mad-drittijiet fundamentali rilevanti protetti skont il-Karta u biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li jiġi previst approċċ selettiv. Minħabba l-importanza li jiġi żgurat li d-data tal-API tkun tista' tiġi pproċessata flimkien mad-data tal-PNR, jenħtieġ li dak l-approċċ jiġi allinjat ma' dak tad-Direttiva (UE) 2016/681. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li d-data tal-API dwar dawk it-titjiriet tiġi trażmessa biss mir-router lill-PIUs rilevanti, fejn l-Istati Membri jkunu għażlu t-titjiriet ikkonċernati b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/681. Kif imfakkar mill-QĠUE, l-għażla tinvolvi li l-Istati Membri jimmiraw l-obbligi inkwistjoni biss lejn, fost l-oħrajn, ċerti rotot, xejriet tal-ivvjaġġar jew ajruporti, soġġetti għar-rieżami regolari ta' dik l-għażla. | mad-drittijiet fundamentali rilevanti protetti skont il-Karta u biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li jiġi previst approċċ selettiv***, ħlief f'sitwazzjonijiet ta' theddid terroristiku ġenwin u preżenti jew previst***. Minħabba l-importanza li jiġi żgurat li d-data tal-API tkun tista' tiġi pproċessata flimkien mad-data tal-PNR, jenħtieġ li dak l-approċċ jiġi allinjat ma' dak tad-Direttiva (UE) 2016/681. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li d-data tal-API dwar dawk it-titjiriet tiġi trażmessa biss mir-router lill-PIUs rilevanti, fejn l-Istati Membri jkunu għażlu t-titjiriet ikkonċernati b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/681. Kif imfakkar mill-QĠUE, l-għażla tinvolvi li l-Istati Membri jimmiraw l-obbligi inkwistjoni biss lejn, fost l-oħrajn, ċerti rotot, xejriet tal-ivvjaġġar jew ajruporti, soġġetti għar-rieżami regolari ta' dik l-għażla. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kriterji tal-għażla jkunu rilevanti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja u jenħtieġ li juru rabta oġġettiva, jew suspett ta' rabta, mal-ġarr ta' passiġġieri bl-ajru.*** |
| | Or. en |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Sabiex tiżdied il-koeżjoni fost l-approċċi selettivi li jieħdu l-Istati Membri differenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju ta' fehmiet dwar l-għażla tal-kriterji tal-għażla, kif ukoll, fuq bażi volontarja, ta' titjiriet magħżula.*** |
| | Or. en |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet xierqa mġarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament, jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni, f'konformità ***mal-leġiżlazzjoni applikabbli u soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċezzjonijiet jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu***. | (19) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet xierqa mġarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router, ***il-kostijiet relatati mal-manutenzjoni ta' dawk il-konnessjonijiet u l-kostijiet relatati mal-ħtiġijiet ta' taħriġ,*** kif meħtieġ skont dan ir-Regolament, jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni, f'konformità ***mar-regoli ta' eliġibbiltà u r-rati ta' kofinanzjament stabbiliti fil-bażi ġuridika tal-Fond għas-Sigurtà Interna***. |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726, l-Istati Membri jistgħu jafdaw lill-eu-LISA bil-kompitu li tiffaċilita l-konnettività mat-trasportaturi tal-ajru sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/681, b'mod partikolari billi jiġbru u jittrasferixxu d-data tal-PNR permezz tar-router. | (20) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726, l-Istati Membri jistgħu jafdaw lill-eu-LISA bil-kompitu li tiffaċilita l-konnettività mat-trasportaturi tal-ajru sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/681, b'mod partikolari billi jiġbru u jittrasferixxu d-data tal-PNR permezz tar-router ***bħala soluzzjoni sigura, affidabbli u kosteffettiva. Tali simplifikazzjoni tkompli tissottolinja n-natura komplementari tad-data tal-PNR u tal-API. Barra minn hekk, testendi l-użu tal-filtru awtomatiku għal titjiriet magħżula tal-UE għat-trasferimenti tad-data tal-PNR.*** |

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Sabiex jiġu adottati miżuri relatati mar-rekwiżiti tekniċi u r-regoli operazzjonali għall-mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara mill-magni, mal-protokolli u l-formati komuni li għandhom jintużaw għat-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, mar-regoli tekniċi u proċedurali għat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router u lill-PIUs u mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tal-PIUs u tat-trasportaturi tal-ajru mar-router, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 4, 5, 10 u 11, rispettivament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016***[33]***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. | (24) Sabiex jiġu adottati miżuri relatati mar-rekwiżiti tekniċi u r-regoli operazzjonali għall-mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara mill-magni, mal-protokolli u l-formati komuni li għandhom jintużaw għat-trasferiment tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru, mar-regoli tekniċi u proċedurali għat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router u lill-PIUs u mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tal-PIUs u tat-trasportaturi tal-ajru mar-router, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 4, 5, 10 u 11, rispettivament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa ***mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż mat-trasportaturi tal-ajru,*** matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[33]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. |
| [33] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | [33] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Jenħtieġ li l-ġbir tad-data tal-API ma jkunx għad-detriment tad-drittijet fundamentali u tal-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' vjaġġaturi leġittimi. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien mal-applikazzjoni ta' diversi atti legali oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u r-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b], jenħtieġ li ma tpoġġix piż sproporzjonat fuq it-trasportaturi tal-ajru. Għal dawn ir-raġunijiet, u sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament mill-partijiet ikkonċernati kollha, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun soġġett għal evalwazzjonijiet regolari.*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).*** |
| | ***[1b] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u*** |

***(UE) 2017/2226 (OJ L 236, 19.9.2018, p. 1).***

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24b) Huwa importanti li tingħabar statistika affidabbli u utli bbażata fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu appoġġati l-objettivi tiegħu u jiġu infurmati l-evalwazzjonijiet deskritti fil-Premessa 24a u l-Artikolu 20. Jenħtieġ li din l-istatistika ma tinkludi l-ebda informazzjoni identifikabbli personalment. Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, l-Europol u, fejn xieraq, it-trasportaturi bl-ajru, ikollhom aċċess għal dik l-istatistika.*** |

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ġbir mit-trasportaturi tal-ajru ta' data ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri ("data tal-API") dwar titjiriet barra l-UE u titjiriet intra-UE ***magħżula***; | (a) il-ġbir mit-trasportaturi tal-ajru ta' data ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri ("data tal-API") dwar titjiriet barra l-UE u titjiriet intra-UE; |

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) "ekwipaġġ" tfisser kwalunkwe persuna kif definita ***fil-punt (h) tal-Artikolu 3*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; | (g) "ekwipaġġ" tfisser kwalunkwe persuna kif definita ***fl-Artikolu 3, il-punt (i),*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; |

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) "vjaġġatur" tfisser kwalunkwe persuna kif definita ***fil-punt (i) tal-Artikolu 3*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; | (h) "vjaġġatur" tfisser kwalunkwe persuna kif definita ***fl-Artikolu 3, il-punt (j),*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; |

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) "data ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri" jew "data tal-API" tfisser id-data kif definita ***fil-punt (j) tal-Artikolu 3*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; | (i) "data ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri" jew "data tal-API" tfisser id-data kif definita ***fl-Artikolu 3, il-punt (k),*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; |

Or. en

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (m) "kriminalità serja" tfisser ir-reati kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 3 tad- | (m) "kriminalità serja" tfisser ir-reati kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 3 tad- |

| | |
|---|---|
| Direttiva 2016/681; | Direttiva ***(UE)*** 2016/681; |

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) "router" tfisser ir-router kif definit ***fil-punt (k) tal-Artikolu 3*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; | (n) "router" tfisser ir-router kif definit ***fl-Artikolu 3, il-punt (m),*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API]; |

Or. en

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API msemmija ***fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu 4(2)*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API] bl-użu ta' mezzi awtomatizzati biex tinġabar id-data li tinqara mill-magni tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-vjaġġatur ikkonċernat. Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi dettaljati u mar-regoli operazzjonali msemmija fil-paragrafu 5, fejn tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli. | It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API msemmija ***fl-Artikolu 4(2), il-punti minn (a) sa (d),*** tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API] bl-użu ta' mezzi awtomatizzati biex tinġabar id-data li tinqara mill-magni tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-vjaġġatur ikkonċernat. Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi dettaljati u mar-regoli operazzjonali msemmija fil-paragrafu 5, fejn tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli. |

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, meta tali użu ta' mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli minħabba li d-dokument tal-ivvjaġġar ma | Madankollu, meta tali użu ta' mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli minħabba li d-dokument tal-ivvjaġġar ma |

| | |
|---|---|
| jkunx fih data li tinqara mill-magni, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru dik id-data b'mod manwali, b'tali mod li tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 2. | jkunx fih data li tinqara mill-magni, ***jew fejn ikun teknikament impossibbli li tingħabar id-data tal-API msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) [il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API] bl-użu ta' mezzi awtomatizzati,*** it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġbru dik id-data b'mod manwali, b'tali mod li tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 2. |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***L-għażla ta' titjiriet intra-UE*** |
| | ***1. L-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/681 għal titjiriet intra-UE għandhom għall-għażla ta' dawk it-titjiriet:*** |
| | ***(a) iqisu biss kriterji li jkunu rilevanti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja b'rabta oġġettiva, inkluża rabta indiretta, mal-ġarr ta' passiġġieri bl-ajru; u*** |
| | ***(b) fin-nuqqas ta' theddida terroristika ġenwina u preżenti jew prevedibbli, jimmiraw biss rotot, xejriet tal-ivvjaġġar jew ajruporti speċifiċi li għalihom ikun hemm indikazzjonijiet ta' attivitajiet suspettużi li jiġġustifikaw it-trażmissjoni u l-ipproċessar tad-data tal-API.*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju ta' fehmiet dwar l-għażla tal-kriterji tal-għażla, kif ukoll, fuq bażi volontarja, ta' titjiriet magħżula.*** |

Or. en

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, jekk dawk ir-reġistrazzjonijiet ikunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API jew il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawk il-proċeduri jkunu diġà bdew fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, it-trasportaturi tal-ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistrazzjonijiet sakemm ikun meħtieġ għal dawk il-proċeduri. F'dak il-każ, huma għandhom ***iħassru*** dawk ir-reġistrazzjonijiet minnufih meta ma jkunux għadhom meħtieġa għal dawk il-proċeduri. | Madankollu, jekk dawk ir-reġistrazzjonijiet ikunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API jew il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawk il-proċeduri jkunu diġà bdew fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, it-trasportaturi tal-ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistrazzjonijiet sakemm ikun meħtieġ għal dawk il-proċeduri. F'dak il-każ, huma għandhom ***jinfurmaw lill-Kummissjoni u jħassru*** dawk ir-reġistrazzjonijiet minnufih meta ma jkunux għadhom meħtieġa għal dawk il-proċeduri. |

Or. en

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li huma jipproċessaw skont dan ir-Regolament. | ***Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) [il-fruntieri tal-API] eu-LISA,*** il-PIUs u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li huma jipproċessaw skont dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kostijiet*** imġarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router imsemmi fl-Artikolu 10 ***għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni***. | ***Il-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 7(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] jista' jipprovdi appoġġ għall-kostijiet*** imġarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router imsemmi fl-Artikolu 10 ***ta' dan ir-Regolament u l-manutenzjoni tiegħu, f'konformità mar-regoli tal-eliġibbiltà u r-rati ta' kofinanzjament stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1149***. |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 94).*** |

Or. en

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, il-kostijiet li ġejjin għandhom jiġu eskluż i u għandhom jitħallsu mill-Istati Membri:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) il-kostijiet għall-ġestjoni tal-proġetti, inklużi l-kostijiet għal-laqgħat, il-missjonijiet u l-uffiċċji;*** | |
| ***(b) il-kostijiet għall-ospitar ta' sistemi nazzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inklużi l-kostijiet għall-ispazju, l-implimentazzjoni, l-elettriku u t-tkessiħ;*** | |
| ***(c) il-kostijiet għat-tħaddim tas-sistemi tal-IT nazzjonali, inklużi l-operaturi u l-kuntratti ta' appoġġ;*** | |
| ***(d) il-kostijiet għad-disinn, l-iżvilupp,*** | |

***l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' networks nazzjonali ta' komunikazzjoni.***

Or. en

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri għandhom iħallsu wkoll il-kostijiet li jirriżultaw mill-amministrazzjoni, mill-użu u mill-manutenzjoni tal-konnessjonijiet u mill-integrazzjoni tagħhom mar-router.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Hija u twettaq l-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħti wkoll attenzjoni speċjali lill-impatt ta' dan ir-Regolament fuq:*** |
| | ***(a) il-passiġġieri, inkluża l-esperjenza tal-ivvjaġġar tagħhom;*** |
| | ***(b) it-trasportaturi bl-ajru.*** |

Or. en

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi wkoll riżultati tan-neċessità, il-proporzjonalità u l-effettività tal-inklużjoni tal-ġbir*** |

***obbligatorju u t-trasferiment tad-data tal-API relatata ma' titjiriet intra-UE fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

# NOTA SPJEGATTIVA

## 1. Kuntest tal-proposta

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri ("id-Direttiva dwar l-API") għandha l-għan li ttejjeb il-kontrolli fuq il-fruntieri u tiġġieled l-immigrazzjoni illegali. Tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu obbligu għat-trasportaturi tal-ajru li, fuq talba tal-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq ta' verifiki fuq persuni fil-fruntieri esterni, jittrażmettu informazzjoni dwar il-passiġġieri li jkunu se jġorru. Id-Direttiva dwar l-API ma tistabbilixxi l-ebda obbligu għall-Istati Membri li jitolbu t-trażmissjoni tad-data. Id-Direttiva dwar l-API fiha lista miftuħa ta' kategoriji ta' data li l-Istati Membri jistgħu jitolbu. Din id-Direttiva hija fil-prinċipju maħsuba bħala strument biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri, iżda tippermetti lill-Istati Membri jużaw id-data personali miġbura għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi wkoll.

Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("id-Direttiva dwar il-PNR") għandha l-għan li tiffaċilita l-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja u b'hekk issaħħaħ is-sigurtà interna tal-Unjoni. Id-Direttiva dwar il-PNR tistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet barra l-UE biex jittrasferixxu d-data tal-PNR li jiġbru. Id-Direttiva dwar il-PNR tippermetti lill-Istati Membri japplikaw id-Direttiva għat-titjiriet intra-UE. Id-Direttiva dwar il-PNR tinkludi d-data tal-API fil-lista tad-data tal-PNR.

Fl-21 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), fil-Kawża C-817/19, ikkonfermat il-validità tad-Direttiva dwar il-PNR. Il-QĠUE pprovdiet ukoll kjarifiki dwar ċerti dispożizzjonijiet, b'mod partikolari għadd ta' kundizzjonijiet rigward il-kriterji tal-għażla għal titjiriet li l-Istati Membri jridu jikkonformaw magħhom jekk japplikaw id-Direttiva dwar il-PNR għal titjiriet intra-UE.

Il-kuntest tad-Direttivi dwar l-API u l-PNR huwa li fl-2019, l-UE rreġistrat madwar biljun passiġġier tal-ajru, li nofshom qasmu l-fruntieri esterni tal-UE. Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jirrikjedi verifiki effettivi u sistematiċi ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri hija waħda mill-għodod għall-awtoritajiet tal-fruntieri biex jantiċipaw l-ammont ta' xogħol tagħhom u jwettqu kontrolli adegwati fil-fruntieri.

Il-ġbir u t-trasferiment tal-API fihom infushom mhuma xejn ġdid, u lanqas mhuma limitati għall-UE. Huma impenn tal-Istati Membri kollha tal-UE peress li huma kollha partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). Barra minn hekk, huma rekwiżit minn bosta pajjiżi ta' destinazzjoni, bħall-Istati Uniti, il-Ġappun, Franza, ir-Renju Unit, iċ-Ċina, l-Indja, l-Awstralja, il-Kanada, il-Messiku u t-Tajlandja. Il-ġbir tal-API huwa prattika stabbilita skont id-Direttiva dwar l-API msemmija hawn fuq.

## 2. Kontenut tal-proposta

Id-Direttivi dwar l-API u l-PNR iħallu ħafna lok għal implimentazzjoni varjabbli. B'riżultat ta' dan, il-prattika tal-ġbir tal-API tvarja ħafna fost l-Istati Membri tal-UE. Il-linji tal-ajru jridu jittrattaw ma' kull Stat Membru individwalment u jiffaċċjaw talbiet li jvarjaw għal kategoriji ta' data, modi ta' trasferiment tad-data u salvagwardji inklużi s-sigurtà tad-data u l-privatezza.

Sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet żewġ Regolamenti:

- Regolament dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE ("il-fruntieri tal-API");
- Regolament dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818 ("l-infurzar tal-liġi tal-API").

Fit-tfassil tal-Kummissjoni, il-proposta dwar il-fruntieri tal-API fiha l-elementi ewlenin, inkluż fir-rigward tas-soluzzjoni teknika (ir-router). Il-proposta tal-infurzar tal-liġi tal-API għandha l-bażi legali proprja tagħha u fiha l-elementi rilevanti għall-ġbir, it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tal-API għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Flimkien, il-proposti jinkludu l-bidliet ewlenin li ġejjin meta mqabbla mad-Direttiva dwar l-API attwalment fis-seħħ:

- **lista magħluqa u eżawrjenti ta' elementi ta' data tal-API**. Fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-API attwali, il-lista ta' elementi tad-data hija miftuħa.
- **ġbir awtomatizzat ta' data tal-API**, li għandu jagħti data aktar affidabbli. Fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-API attwali, il-ġbir jista' jsir manwalment.
- **ġbir obbligatorju tad-data tal-API għall-finijiet tat-titjib u l-iffaċilitar tal-effiċjenza tal-verifiki fil-fruntieri** esterni u tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali fuq it-titjiriet kollha li jidħlu fl-Unjoni. Skont id-Direttiva dwar l-API attwali, l-Istati Membri jistgħu jitolbu din id-data iżda mhumiex obbligati jagħmlu dan.
- **ġbir obbligatorju tad-data tal-API għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi** għat-titjiriet kollha lejn u mill-UE, kif ukoll dwar it-titjiriet fl-UE. Skont id-Direttiva dwar l-API attwali, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data personali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, iżda n-natura obbligatorja tal-ġbir hija ġdida.
- **trażmissjoni ssimplifikata tad-data tal-API** mit-trasportaturi tal-ajru għal **router** ġdid, li se jiġi żviluppat u ġestit mill-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira (eu-LISA).
- **filtru awtomatiku fir-router** li jeżegwixxi t-trażmissjoni awtomatika mir-router tad-data tal-API ta' titjiriet barra mill-UE u ta' titjiriet magħżula intra-UE lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ("PIUs") tal-Istati Membri u t-tħassir awtomatiku tad-data l-oħra kollha tal-API.

Fl-Opinjoni 6/2023 tiegħu dwar il-Proposti għal Regolamenti dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ivvaluta l-proposta li tinġabar data tal-API mit-titjiriet kollha u li din id-data tiġi ffiltrata awtomatikament mir-router propost abbażi ta' titjiriet magħżula minn qabel b'mod pożittiv minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data.

**3. Il-valutazzjoni tar-Rapporteur tal-proposta**

Ir-rapporteur responsabbli għall-infurzar tal-liġi tal-API tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li d-Direttiva dwar l-API obsoleta tiġi sostitwita b'żewġ Regolamenti ġodda. Ir-rapporteur taqbel mal-Kummissjoni li hemm bżonn li tiġi rimedjata s-sitwazzjoni attwali tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni varjabbli tad-Direttiva dwar l-API kif ukoll tal-elementi tal-API tad-Direttiva dwar il-PNR. Ir-rapporteur hija tal-fehma li d-data tal-API u d-data tal-PNR jikkomplementaw lil xulxin u li flimkien jistgħu jipprovdu informazzjoni aktar affidabbli. Dan se jfisser interventi aktar limitati u mmirati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u inqas intrużjoni fil-privatezza tal-vjaġġaturi. Pereżempju, ir-rapporteur tixtieq tirrimarka li l-kriminali spiss jirriżervaw titjiriet (li jiġġeneraw data tal-PNR) iżda mingħajr ma jikkanċellaw, ma jitilgħux abbord dawn it-titjiriet. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' data tal-API bbażata fuq passiġġieri li jkunu abbord it-titjira f'sitwazzjonijiet bħal dawn iwassal għal interventi mhux meħtieġa mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jużaw kapaċitajiet limitati u xi drabi jiddisturbaw vjaġġaturi innoċenti. Eżempju ieħor huwa l-kwistjoni tad-data tat-twelid, li ħafna drabi ma tkunx disponibbli għat-trasportaturi tal-ajru fil-ħin tal-prenotazzjoni, iżda li ssir disponibbli biss fil-mument tar-reġistrazzjoni. Id-data tat-twelid hija element ta' data estremament importanti, li huwa kruċjali biex jiġu evitati hits foloz ibbażati fuq l-isem biss.

Ir-rapporteur tappoġġja wkoll il-ġbir tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru bl-użu ta' mezzi awtomatizzati. Dan mhux biss jevita problemi bla bżonn minħabba żbalji tipografiċi u ortografiċi mhux intenzjonati. Iwaqqaf ukoll lill-kriminali milli jilagħbu b'tali żbalji tipografiċi, li bħalissa qed jagħmlu b'entużjażmu biex jevitaw li jinqabdu. Madankollu, ir-rapporteur trid tiżgura trattament ġust għall-passiġġieri kollha fis-sitwazzjonijiet kollha. Ir-rapporteur tinsisti li l-ġbir manwali tad-data tal-API jibqa' possibbli għal dokumenti li ma jkunx fihom "Parti li Tinqara minn Magna" (MRZ) u għal sitwazzjoni ta' impossibbiltà teknika li d-data tinġabar awtomatikament. Barra minn dan, ir-rapporteur hija tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-obbligu li jintużaw mezzi awtomatizzati għall-ġbir tad-data tal-API ma jwassalx għal ostakli sproporzjonati, bħal tariffi addizzjonali għar-reġistrazzjoni fl-ajruport għall-passiġġieri li ma jkunux jistgħu jużaw mezzi oħra għar-reġistrazzjoni awtomatizzata.

Ir-rapporteur tappoġġja bil-qawwa l-fatt li t-titjiriet intra-UE jiġu inkużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tal-liġi tal-API. Bħall-QĠUE, ir-rapporteur temmen li dan huwa proporzjonat meta titqies is-sitwazzjoni tas-sigurtà u tax-xejriet tal-ivvjaġġar tal-kriminali u t-terroristi. Madankollu, ir-rapporteur temmen ukoll li l-għażla ta' titjiriet intra-UE trid tkun strettament limitata kif tabilħaqq teżiġi l-QĠUE. Għaldaqstant, ir-rapporteur tintroduċi xi parametri għall-Istati Membri abbażi tas-sentenza tal-Qorti. Apparti dan, ir-rapporteur tagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tiffaċilita passi ulterjuri ħalli tiżdied il-koeżjoni fost l-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tagħhom ta' titjiriet intra-UE.

Ir-rapporteur temmen li s-soluzzjoni tar-router, ladarba tkun operattiva, tista' tkun utli għat-trasferiment tad-data tal-PNR kif ukoll tkun soluzzjoni sikura u affidabbli u, għal-linji tal-ajru,

kosteffikaċi. Pass bħal dan ikun konformi mar-rekwiżit li l-Istati Membri jieħdu deċiżjoni waħda dwar l-għażla ta' titjiriet intra-UE għall-applikazzjoni kemm tad-Direttiva dwar il-PNR kif ukoll tar-Regolamenti tal-API proposti.

Ir-rapporteur tinsisti fuq rekwiżiti stretti tas-sigurtà tad-data, li għandhom jiġu inkorporati fir-Regolament dwar il-ġestjoni tal-fruntieri tal-API.

Ir-rapporteur temmen li l-Istati Membri jistgħu jużaw il-Fond għas-Sigurtà Interna biex jitolbu kumpens għall-ispejjeż li saru relatati mas-soluzzjoni teknika ġdida proposta (ir-router).

Ir-rapporteur temmen li d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni hija xierqa f'għadd ta' każijiet deskritti fir-Regolament. Ir-rapporteur tinsisti li dan isir permezz ta' atti delegati, minħabba li jagħti aktar leħen lir-rappreżentanti tal-industrija tal-linji tal-ajru f'deċiżjonijiet tekniċi bħal fir-rigward tal-għażla tal-formati tad-data u jpoġġi lill-Parlament fuq l-istess livell mal-Kunsill.

Ir-rapporteur tinsisti li fl-evalwazzjoni regolari tal-Kummissjoni jiġi inkluż l-impatt ta' dan ir-Regolament, anke flimkien ma' leġiżlazzjoni oħra li tapplika għall-ivvjaġġar bl-ajru tal-passiġġieri, fuq il-passiġġieri u fuq it-trasportaturi tal-ajru.